MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2218/2002

**ATLAS INSURANCE AGENCY LIMITED**

**VS**

**EDMUND U ANTONIA KONJUGI SCIBERRAS**

Illum, 31 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal :

Ra l-avviz prezentat fis-16 ta' Settembru, 2002, mis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited, bhala agenti f' Malta tas-socjeta' estera **AXA Insurance PLC**, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Edmund Barbara ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi,

kontra l-konvenuti Edmund u Antonia konjugi Sciberras, li permezz tieghu wara li ppremettiet :

1. Illi fl-20 ta' Novembru, 2000, l-assigurat taghha Edmund Barbara sofra danni meta kwantita' konsiderevoli ta' ilma, li kien gej mill-proprjeta' tal-konvenuti, ippenetra ghal gol-hanut tieghu bil-konsegwenza illi gew kawzati diversi hsarat ghad-dannu tal-imsemmi Barbara;
2. Illi l-imsemmi Edmund Barbara kien kopert b' polza ta' assigurazzjoni fuq il-proprjeta' tieghu, u ghaldaqstant in segwitu ghall-incident fuq imsemmi huwa ghamel 'claim' mas-socjeta' attrici, li da parte taghha hallsitu s-somma komplessiva ta' seba mija, sitta u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm726.10c), u dana ai temrini ta' l-istess polza ta' assigurazzjoni, u ghalhekk is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha;
3. Illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragini, negligenza u imperizja da parti taghhom;

Talbet illi l-konvenuti jigu ordnati sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm726.10c rappresentanti d-danni illi sofrew l-istess atturi bhala rizultat ta' l-atti jew ommissjonijiet da parti tal-konvenuti.

Bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficcjali u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-16 ta' Lulju, 2002, kontra l-konvenuti ngjunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti Edmund u Antonia konjugi Sciberras prezentata fl-10 ta' Ottubru, 2002, li permezz taghha eccepew is-segwenti :

1. Illi preliminarjament il-fatt illi l-konvenut ma hux responsabbli ghall-incident fuq imsemmi stante li huwa bl-ebda mod ma kien traskurat, negligenti, jew naqas f' xi diligenza, u ghalhekk ma jistghax ikun responsabbli ghall-incident imsemmi ;
2. In sussidju, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut kien ghadu kif xtara l-fond tieghu minghand terzi persuni, u ghalhekk, se mai, jekk jinstab li

hemm xi responsabilita' delittwali, din ir-responsabilita ghandha tigi attribwita lil min bena w biegh il-fond lill-konvenut, u cioe', is-socjeta' Ray Auto Dealer Limited, li taghha qed tintalab il-kjamata fil-kawza ghall-ispeditezza tal-gudizzju ;

3. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost, trid tingieb ukoll prova tal-quantum tad-danni mitluba.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-digriet tieghu tad-9 ta' Jannar, 2003, li permezz tieghu giet imsejjha fil-kawza s-socjeta' Ray Auto Dealer Limited (fol 30).

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Ray Auto Dealer Limited prezentata fit-22 ta' Jannar, 2003, li biha eccepiet is-segwenti :

1. Illi fl-ewwel lok, it-talba attrici ghandha tigi korretta fis-sens illi d-data tal-incident ghandha tkun Novembru, 2000, u mhux 2002 ;
2. Illi fit-tieni lok, il-kawza hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-incident gara f' Novembru, 2000, u l-esponent sar parti fil-kawza fid-9 ta' Jannar, 2003 (vide 1479/93 D.S. Galdes –v- Bowman, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar, 2002);
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u, in linea sussidjarja, il-konvenut kjamat in kawza ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika diretta w immedjata mas-socjeta' attrici ;
4. Illi fil-mertu, il-proprjeta' in kwistjoni nbieghet mill-konvenut kjamat in kawza lill-konvenuti konjugi Sciberras fl-24 ta' Dicembru, 1998 (Dok A) u ghalhekk sentejn qabel l-incident mertu tal-kawza, u l-incident mertu tal-kawza huwa l-uniku wiehed li jaf bih l-eccipjent;
5. Illi l-gully li minnu far l-ilma ghal gol-proprjeta' ta' l-assigurat tas-socjeta' attrici kien mimli konkos u materjal li kkawza 'blockage' fis-sistema tad-drenagg u minn verifiki maghmula jidher illi l-incident sehh proprju fiz-zmien meta

kienu qed isiru xgholijiet fid-dar tal-konvenuti Sciberras, u ghalhekk l-incident sehh unikament minhabba negligenza u t-traskuragini da parti tal-konveuti konjugi Sciberras.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes.

Semgha bil-gurament lix-xhieda kollha prodotti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti w l-provi kollha.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet kollha.

Ra l-atti.

**IKKUNSIDRA :**

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw hsarat (u danni emergenti) li gew kagunati fil-proprjeta' ta' Edmund Barbara, l-assigurat tas-socjeta' attrici, liema proprjeta' tikkonsisti f' showroom (hanut) f' Carini Street, Santa Venera, u dan meta kwantita' konsiderveoli ta' ilma, fl-20 ta'Novembru, 2000, ippenetra fl-imsemmi hanut minn fond sovrapost ghalih u liema fond jappartjeni lill-konvenuti konjugi Sciberras.

Illi jirrizulta li dan l-incident gara meta f' dak iz-zmien kien qed isir xoghol ta' skirting, tqeghid ta' madum u thallib ta' l-istess, fil-fond tal-konvenuti Sciberras u gie allegat li min kien qed jahdem hemmhekk fuq inkarigu ta' dawn il-konvenuti, kien tefa' jew halla jaqa' l-materjal li jintuza ghat-tahlib tal-madum, maghruf bhala 'grouting', fil-gully li hemm fil-bitha ta' Sciberras, dan sadd is-sistema tad-drenagg, u din kienet il-kawza tal-hsara li grat.

Jirrizulta li l-ammont tal-hsara ghad-dannu ta' Barbara f' dan l-incident kien fl-ammont ta' Lm726.10c, liema somma s-socjeta' attrici assiguratrici hallset lill-istess Barbara bhala l-assigurat taghha, u b' hekk giet surrogata fid-drittijiet tieghu, dan kollu kif jirrizulta mill-atti a fol.12 sa 20.

**IKKUNSIDRA :**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kjamat in kawza, hu ghandu ragun. L-incident gara fl-20 ta' Novembru, 2000, u mhux fl-20 ta'Novembru, 2002, kif hemm fl-avviz. Hu car li dan hu zball kif jirrizulta mill-provi.

Illi l-ewwel haga li trid tigi deciza hi t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut kjamat fil-kawza Ray Auto Dealer Limited, li biha eccepixxa li fil-konfront tieghu l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, liema Artikolu jghid hekk testwalment: "*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b' reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn*".

Issa mill-kuntratt ta' bejgh esebit mill-konvenut kjamat in kawza (fol 33), hu kien ittrasferixxa il-fond, maisonette, 1st Floor, Carini Street, Santa Venera, lill-konvenuti konjugi Sciberras b' att notarili datat 24 ta' Dicembru, 1998. L-incident in kwistjoni li sehh f' Novembru, 2000, hu kien sar jaf bih l-ewwel darba ufficcjalment meta gie imsejjah fil-kawza fid-9 ta' Jannar, 2003.

Hu ferm evidenti ghalhekk li safejn jikkoncerna dan il-konvenut kjamat in kawza kienu ghaddew aktar minn sentejn bejn id-data ta' meta saret l-hsarat fil-hanut ta' Barbara (20 ta'Novembru, 2000) u meta hu kien gie notifikat ufficcjalment bl-azzjoni ghall-hlas tad-danni (9 ta'Jannar, 2003).

Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-konvenut kjamat in kawza qed tigi milqugha.

In vista ta' din id-decizjoni, it-Tribunal jara li issa l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut kjamat in kawza gew rezi superfluwi u ma ghadx hemm lok li jigu kunsidrati.

Konsegwentement, it-Tribunal qed jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut kjamat fil-kawza Ray Auto Dealer Limited, bl-ispejjes kontra l-konvenuti konjugi Sciberras li kien fuq talba taghhom li kien gie kjamat in kawza dan il-konvenut.

**IKKUNSIDRA :**

It-Tribunal issa sejjer jikkunsidra t-tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti konjugi Sciberras, u sejjer jibda bit-tieni eccezzjoni l-ghaliex ihoss li din hi direttament konnessa mad-decizjoni appena mehuda dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn sollevata mill-konvenut kjamat in kawza.

Kuntrarjament ghal dak li qed jghidu l-konvenuti Sciberras f' din it-tieni eccezzjoni taghhom, ma jirrizultax li meta gara l-incident in kwistjoni fl-20 ta' Novembru, 2000, huma kienu ghadom kemm xtraw il-fond taghhom fuq deskritt, u kif sovrappost ghall-hanut ta' Barbara. Permezz ta' din l-eccezzjoni, il-konvenuti msemmija qed jghidu li

allura, jekk kien hemm xi hsarat dovuti ghall xi nuqqas ta' xi hadd, din kellha taqa' fuq min kien bieghilhom il-fond, cioe' Ray Auto Dealer Limited.

Illi l-fatti juru ferm kuntrarju ghal dan li qed isostnu l-konvenuti Sciberras. Hu minnu li kienu xtraw il-fond taghhom minghand Ray Auto Dealer Limited. Izda dan il-bejgh kien ferm qabel ma gara l-incident in kwistjoni fl-20 ta' Novembru, 2000. Huma xtraw il-fond fl-24 ta' Dicembru, 1998, cioe' sena w hdax il-xahar qabel, u certament dan mhux xi zmien vicin l-incident kif qed jghidu huma.

Illi barra minn hekk, jirrizulta mill-provi li meta dawn il-konvenuti xtraw dan il-fond, dan kien jinkludi s-sistema ta' drains u drenagg komuni mal-proprjeta' sottoposta, izda jirrizulta li meta xtrawh ma kienx ghad hemm il-kamra tal-

banju lesta. Jirrizulta inoltre, u dan mix-xhieda ta' Vincent Cassar, li fiz-zmien ta' l-incident in kwistjoni hu kien gie inkarigat mill-konvenuti Sciberras bhala tile-layer biex jahdmilhom fil-fond taghhom u jghamel ix-xoghol tal-madum, eccetera, fuq deskritt.

Illi ghalhekk din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Sciberras ma ssibx sostenn u qed tigi respinta bl-ispejjes kontrihom.

Dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Sciberras fejn qed jghidu li ghanda tingieb il-prova tal-quantum tad-danni, din ukoll ma tistghax treggi l-ghaliex tul il-kors tal-gbir tal-provi, din il-prova saret b' mod sodisfacenti ghal dan it-Tribunal. Gie ppruvat li l-ammont tad-danni kien ta' Lm726.10c, u dan mid-dokumenti kollha esebiti, liema somma thallset lill-Barbara mis-socjeta assiguratrici attrici.

Ghalhekk anke din it-tielet eccezzjoni hija respinta bl-ispejjes kontra l-konvenuti Sciberras.

**IKKUNSIDRA :**

Ghalhekk issa baqa' biss l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Sciberras li biha qed jghidu li ma jistghux jinstabu responsabbli ghall-hsarat u danni konsegwenzjali li sofra Barbara, dan ghaliex ma kien hemm ebda traskuragini, negligenza, jew nuqqas ta' xi diligenza da parti taghhom.

Hu minnu li ghal dak li hu l-incident in kwistjoni, dawn il-konvenuti fizikament ma hadu ebda parti diretta. Fl-Artikolu 1037 tal-Kap. 16 naqraw: "*Kull min ghal xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollox ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi*". Fil-gurisprudenza l-kuncett ta'culpa in eligendo jidher li gie estiz, "fis-sens illi jekk tirrizulta l-inkompetenza minhabba n-nuqqas tal-persuna imqabbda mis-sid, allura s-sid hu respnosabbli ghax ma setax jassumi l-kompetenza" [**Michael Balzan**

**vs Lawrence Ciantar et** – Cit. nru: 668/91DS deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Dicembru 2002].

**IKKUNSIDRA :**

Illi ghalhekk dak li ghandu jigi kunsidrat u deciz, allura, hu jekk dan il-haddiem inkarigat mill-konvenuti Sciberras, cioe' Vincent Cassar, kienx ghamel xi haga b' mod negligenti jew traskurat, jew wera xi nuqqas ta' hila jew diligenza, li minhabba dan l-agir tieghu saru l-hsarat u danni lmentati minn Edmund Barbara w li taghhom qed tippretendi hlas is-socjeta' attrici.

Illi ma hemm ebda dubju illi dak li kkaguna l-hrug ta' l-ilma fis-showroom ta' Barbara, u dan kif juru l-provi, kien il-fatt li parti mill-katusa li kienet ghaddejja minn mas-saqaf tas-showroom ta' Barbara, mghottija b' suffitt, cediet jew inqasmet bit-toqol ta' l-ilma u dan minhabba 'blockage' li kien hemm fil-gully fil-bitha tal-konvenuti Sciberras, bir-rizultat li ammont konsidervoli ta' ilma hareg minn din il-katusa maqsuma u spicca fil-hanut ta' Barbara.

Jirrizulta li din is-sistema ta' katusi minn fejn hareg l-ilma huma tal-fond tal-konvenuti Sciberras u jghaqdu mal-kumplament tas-sistema li hemm fil-bitha taghhom u fejn instab il-gully ibblokkat b' materjal griz qisu siment, li kien evidentement ikkaguna s-sadd u eventwali qsim tal-katusa bil-pressa ta' l-ilma li ma sabx triq libera minn fejn jghaddi.

Illi jirrizulta li dan il-materjal griz li nstab maghqud fil-gully fil-fatt kien il-materjal imsejjah 'grouting' li jintuza biex jithalleb il-madum. Dan il-'grouting' jinxef u jghaqad u jsir haga wahda bhas-siment.

Jirrizulta, u dan mix-xhieda tal-istess Vincent Cassar, li proprju fil-gurnata ta' qabel ma nqasmet il-katusa, hu kien qed ihalleb il-madum b' dan il-'grouting', u meta spicca mix-xoghol tal-gurnata, kien hasel il-barmil li kien qed izomm fih dan il-'grouting' biex ihalleb il-madum, u li kien ghad fih xi ticpis ta' dan il-materjal, u tefa' l-ilma ta' go dan

il-barmil gewwa l-gully li hemm fil-bitha tal-post ta'Sciberras. Hu evidenti li meta nstab il-'grouting' maghqud isodd il-gully, u b' hekk ma setghax jghaddi l-ilma, dan ma kien xejn aktar jew anqas milli dak il-'grouting' li kien tefa hemmhekk l-imsemmi Cassar.

Issa bhala bniedem tas-sengha, b' esperjenza bhala tile-layer u fl-uzu tal-'grouting', suppost kien jaf, jew kellu ikun jaf, li meta tefa' dak il-materjal fil-gully, dan kien sejjer jghaqad u jsodd. Dan hu li effettivament li kien gara, dan hu li fil-fatt kien ikkawza l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Dan l-agir ta' Vincent Cassar, inkarigat mill-konvenuti Sciberras, kien agir ferm irresponsabbli u juru nuqqas ta' hila f' xogholu.

Wiehed ma jistax ma josservax ukoll li ma tressqux xi provi li juru li f'dak iz-zmien fil-blokk bini in kwistjoni kien qieghed isir xi xoghol iehor minn xi terzi li setghu b'xi mod ikkontribwew ghall-hsara li giet ikkagunata fil-propjeta ta' Edmund Barbara.

Ghalhekk anke din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Sciberras hija respinta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li qed jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti konjugi Sciberras, jilqa' t-talbiet attrici dan billi (1) jiddikkjara lill-istess Edmund u Antonia konjugi Sciberras unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni fuq imsemmi, (2) jillikwida d-danni rizultanti minn dan l-incident fl-ammont ta' Lm762.10c, liema somma tirrizulta li thallset mis-socjeta' attrici lill-Edmund Barbara bhala assigurat taghha biex b' hekk giet surrogata fid-drittijiet tieghu, u (3) tikkundanna lill-konvenuti konjugi Sciberras sabiex ihallsu lis-socjeta' assikuratrici attrici din l-istess somma ta' Lom762. 10c rappresentanti d-danni kagunati f' dan l-incident.

Bl-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri kontra l-konvenuti Sciberras, inkluzi dawk ta' l-ittra uffccjali tas-16 ta'

Lulju, 2002, kif ukoll bl-imghaxijiet legali minn din l-istess data sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuti konjugi Sciberras.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------